**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Antonovitch Muscat]**

**vs**

**Robert Delmar**

**Kumpilazzjoni Numru: 363/11**

**Illum, 26 ta' Frar, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Robert Delmar detentur tal-karta tal-identita` numru 438582M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, bejn l-2006 u l-2007,

a. irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew ceretifikati foloz a tenur tal-arikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

c. u aktar talli talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ircieva jew accetta, xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal hadd iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa hekk kif imsemmi fis-subartikolu 1 ta' Artikolu 121A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat hrug ta’ licenzja tas-sewqan lil certi Angelo Camilleri u Sandro Bonello mill-imputat Robert Delmar fejn dawn kienu semmew isem l-imputat meta bdiet l-investigazzjoni fuq hruq ta’ licenzji tas-sewqan b’mod illegali.

Il-Qorti ezaminat l-istqarrija tal-imputat fejn minn dejjem huwa nnega tali fatti anzi huwa kien talab konfront ma’ dawn iz-zewg persuni liema konfront ma sarx minhabba fatt indipendenti mill-volonta’ tal-istess imputat;

Semghet ix-xhieda ta’ Angelo Camilleri u Sandro Bonello fejn tal-ewwel l-anqas biss kien jaf lill-imputat u nnega li kien hallas lilu biex inhargitlu l-licenzja izda Sandro Bonello gharaf lill-imputat li kien ottjenielu l-licenzja u fejn jghid li fil-fatt hallas is-somma ta’ mija u hamsin izda dan ma kienx cert jekk kienux ewro jew Liri Maltin u ma kienx cert fuq il-perjodu li dan il-fatt allegatament sar.

Illi ghalkemm mix-xhieda ta’ Sandro Bonello gie ndikat lill-imputat, pero’ x-xhieda tieghu ghandha hafna nuqqasijiet u hija monka minn hafna dettalji importanti ghall-kaz tal-prosekuzzjoni. Dan ghaliex dan ix-xhud naqas illi jindika d-dettalji ta’ kif saret it-transazzjoni, ta’ kemm-il darba dawn allegatament iltaqghu, kif iltaqghu l-ewwel darba u fejn u affarijiet ohra sabiex ix-xhieda tieghu tigi meqjusa bhala wahda kredibbli u affidabbli. Illi ta’ min jghid illi x-xhud Sandro Bonello kien gie precedentement ikkundannat minn din

il-Qorti hekk kif presjeduta fuq dan il-fatt u ghalhekk kellu l-liberta' kollha sabiex jixhed fuq il-fatti kollha.

Illi dan tenut kont tal-fatt illi l-imputat minn dejjem ikkopera mal-investigazzjoni u dejjem wiegeb ghall-mistoqsijiet li ghamillu l-ufficjal investigattiv tant li kien lest jaghmel konfront ma' dawn iz-zewg persuni. Illi ulterjorment, din l-istqarrija giet ikkonfermata mill-imputat stess fix-xhieda li ta' quddiem din il-Qorti nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' April elfejn u sittax (2016) fejn huwa rega' kkonferma li huwa ma kellu xejn x'jaqsam ma' dawn it-tnejn tant illi jghid illi li kieku ghamel hekk, dan imur kontra n-natura tax-xoghol tieghu stante li huwa ghandu kumpanija tat-taghlim tas-sewqan.

Illi finalment il-prosekuzzjoni naqset ukoll milli tipprova l-komplicita' ma' injoti billi ma ngabet l-ebda tip ta' prova rigward dan.

Illi ghal dawn il-motivi ma tistax issib htija fuq l-imputat tal-akkuzi kif dedotti kontrih u ghalhekk qed tillibera lill-imputat Robert Delmar mill-akkuzi kollha kif dedotti kontrih.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**